



Brussell, 3 ta' Novembru 2021
(OR. en)

13084/21

Fajl Interistituzzjonali:
2021/0311(NLE)

VISA 216
MIGR 242
COEST 254

NOTA PUNT "I/A"

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill
Suġġett:	Deċiżjoni tal-Kunsill dwar is-sospensjoni parzjali tal-applikazzjoni tal-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika tal-Belaruġsja dwar il-faċilitazzjoni tal-ħruġ ta' viżi – Adozzjoni

1. Fid-29 ta' Settembru 2021, il-Kummissjoni ppreżentat proposta għal Deċiżjoni tal-Kunsill dwar is-sospensjoni parzjali tal-applikazzjoni tal-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika tal-Belaruġsja dwar il-faċilitazzjoni tal-ħruġ ta' viżi¹.
2. Fit-13 ta' Ottubru 2021, il-Grupp ta' Hídma dwar il-Viża qabel dwar din il-proposta.
3. Din id-Deċiżjoni tikkostitwixxi żvilupp tad-dispożizzjonijiet tal-*acquis* ta' Schengen li fihom l-Irlanda mhix qed tieħu sehem, f'konformità mad-Deċiżjoni tal-Kunsill 2002/192/KE². Għalhekk l-Irlanda mhix qed tieħu sehem fl-adozzjoni ta' din id-Deċiżjoni u mhix marbuta biha jew soġġetta għall-applikazzjoni tagħha.

¹ 12357/21.

² Deċiżjoni tal-Kunsill 2002/192/KE tat-28 ta' Frar 2002 rigward it-talba tal-Irlanda biex tieħu sehem f'xi dispożizzjonijiet tal-*acquis* ta' Schengen (ĠU L 64, 7.3.2002, p. 20).

4. F'konformità mal-Artikoli 1 u 2 tal-Protokoll Nru 22 dwar il-pożizzjoni tad-Danimarka, anness mat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea u mat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, id-Danimarka mhijiex qed tieħu sehem fl-adozzjoni ta' din id-Deċiżjoni u mhijiex marbuta biha jew soġġetta għall-applikazzjoni tagħha.
 5. Fid-dawl ta' dan, il-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti huwa mistieden jirrakkomanda li l-Kunsill jadotta d-Deċiżjoni tal-Kunsill imsemmija hawn fuq kif iffinalizzata mill-ġuristi lingwisti, kif tinsab fid-dokument 12825/21, bħala punt "A" fuq l-aġenda ta' laqgħa li jmiss.
- Id-Deċiżjoni tal-Kunsill ser tiġi ppubblikata fil-Ġurnal Uffiċjali skont ir-regoli applikabbli.
-